MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 65/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**-vs-**
**James Stewart Veneziane (K.I. Numru 500090 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef erba' mija sebgha u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€4,427.92) bilanc ghad-debitu fl-*Overdraft Account* ta' Absolution Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1 sa' Dok. A20) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Jannar 2011 sal-jum tal-pagament effettiv, ghal liema debitu l-konvenut iggarantixxa flimkien u *in solidum* ma' Absolution Company Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Absolution Comany Limied mal-Bank of Valletta p.l.c., u dan permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' Mejju 2005, kopja ta' liema giet annessa mar-Rikors u markata bhala Dok. ' B'. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu

2008 (Dok.C) u tal-Mandat ta' Sekwestru, kontra l-konvenut.

Rat li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bir-Rikors promotur izda ma pprezentax Risposta ghat-talbiet attrici.

Rat illi permezz ta' Nota ta' Ammissjoni ipprezentata fit-28 t'April 2011, il-konvenut ammetta t-talba attrici kif dedotta fir-Rikors promotur.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici flimkien mar-Rikors promotur.

**Ikkunsidrat :**

Peress illi t-talba tas-socjetà attrici giet ammess mill-konvenut, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjetà attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef erba' mija sebgha u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€4,427.92), bl-imghax legali ulterjuri dekoribbli mit-13 ta' Jannar 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontra l-konvenut, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------